**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 407 / 2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Roderick Tabone**

Illum 15 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Roderick Tabone, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 517387M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Mejju, 2015 gewwa s-Siggiewi;

i. Ikkommeta serq ta' pouch (li fih kien hemm cheque book u multi tool ta' valur ta' €26) ta' valur totali mhux maghruf, minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBN 301 ghad-dannu ta' Etienne Farrugia liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

ii. Volontarjament ghamel hsara li tammonta ghal inqas minn mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghad-dannu ta' Etienne Farrugia;

iii. Aktar talli f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew xjentement b'kull mod li kun indahal biex ibieghhom jew imexxihom

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta'probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL. D nhar is-07 ta' Ottubru, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiva ta' liberta kundizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta millMagistrat Dr. Doreen Clarke LL. D nhar is-07 ta' Ottubru, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Settembrbu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 334 u 351(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu permezz ta' din ic-citazzjoni u ikkundannatu sittax (16) il-xahar prigunerija u ghazlet li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-22 ta' Jannar 2013 u fis-7 ta' Ottubru 2013.

Il-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex meta l-imputat juri li verament jixtieq jibda jindirizza l-problema tad-droga jinghata kull ghajnuna biex ikun jista' jaghmel dan.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Roderick Tabone, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Settembru, 2015, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn fuq ammissjoni tieghu stess, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero ma trattatx mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u

tlettax (2013), tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti iddisponit minn dan l-appell billi irriformat s-sentenza appellata billi ikkonfermat f'dik il-parti li biha l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, astjenit milli tikkonferma l-astensjoni tal-ewwel Qorti biex ma titrattax mal-appellant ghal-ksur tas-sentenzi, hassret f'dik il-parti li biha ikkundannat lill-appellant ghal-sittax (16)-il xahar prigunerija u minflok qieghditu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-Probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza u ordnat li kopja taghha tintbaghat lid-Direttur Probation Services.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ili fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2017 id-difiza talbet li tressaq bhala xhud lill-Ufficcjal tal-Probabtion li qeda issegwi lill-appellant peress li l-appell kien wiehed bazat fuq piena u l-Avfukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u konsegwentement il-Qorti laqghet it-talba tal-appellant.

Rat dak li qalet il-Probabtion Officer **Rona Custo** quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar it-13 ta' Lulju 2017. Spjegat illi l-appellant kien inghata sentenza mill-ewwel Qorti u kienet giet nominata sabiex issegwih. Tghid li fil-fatt minn meta inghata is-sentenza f''Settembru 2015 'l hawn l-appellant irregistra progress notevoli. Tghid li sab impieg *full time* u anke qed jghamel *evening programme* u anke kien wasal biex jiggradwa minn dan il-programm Tghid li jattendi gruppi darbtejn fil-gimgha u jkollu anke sessjonijiet individwali darba fil-gimgha. Jattendi ukoll appuntamenti maghha b'mod regolari fejn sahansitra anke jaghti kampjuni tal-awrina tieghu li kolha tawa rizultat negattiv ghal presenza ta' droga Jinsab f'relazzjoni stabbli u anke kellu tarbija u fil-fatt kien qed jistenna it-tieni tarbija tieghu. Mistoqsija x' kien jghamel qabel ma inghatat is-sentenza jghid li ma kienx

ikun regolari fl-apputnamenti tieghu kien hemm zmien fejn kien sejjer tajjeb u zmien iehor meta kien hemm relapse u minn hemm mar lura  Imbaghad jidher li l-appellant fetah kawzi godda qabel is-entenza tas-sena 2015 u kien anke inghata sentenza ta' prigunerija.

Meta xehdet qalet li l-appellant kien qed jahdem wahdu hinijiet twal, jiltaqa' mal-Caritas tlett darbiet fil-gimgha u jiltaqa' maghha pero minhabba ix-xoghol tieghu ma jiltaqghux ta' sikwit. Oltre dan ihalli l-kampjuni tieghu mal-care worker  tal-Caritas darba fil-gimgha

**Noel Cassar** rappresentant tal-Caritas xehed nhar is-26 ta' Frar, 2018 bhala rappresentant tal-Caritas  u jghid li jaf lill-appellant tramite il Caritas.  Spjega li Roderick kien ipprezenta ruhu l-Caritas iktar minn sentejn qabel  ma xehed u dan volontarjament u fil-fatt kien beda programm residenzjali  is Shelter ghamel erba' xhur u nofs hemmhekk. Nelfratttemp kien dejjem obbidjenti segwa l-programm tajjeb hafna u testijiet tal- awrina dejjem taw rizuat negattiv ghal presenza ta' droga. Jghid li fil-fatt ghandhom sodisfazzjoni kbir.

Dan baqa' jattendi kul gimgha.  Jghid li wara li ghamel ir-residential programme beda bl-evening programme  f'Jananr 2016. Qal li l-appellant ghandu xoghol stabbli gewwa forn. Ghandu familja normali b'rispett u ghandu t-tfal.

Rat is-sentenza li inghatat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta Novembru, 2017 fejn din il-Qorti iddisponiet mill-appell billi irriformat is-sentenza appellata u kkonfermatha f'dik il-parti li biha l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet  kollha dedotti kontra tieghu u astjeniet milli tikkonferma l-astensjoni ta' l-ewwel Qorti biex ma tittrattax ma l-appellant ghal ksur tas-sentenzi u hasritha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghal sittax-il xahar prigunerija.  u minflok poggietu taht Ordni ta' Probabtion ghal zmien tlett snin taht is sorveljanza ta' ufficcjal tal- Probabtion skond l-artikolu 7 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta .

Rat in-nota tad-denunzja tal-Probation Officer **Rona Custo** ppresentata fid-29 ta' Novembru, 2019, fil-konfront ta' Roderick Tabone fejn ai termini tal-Artikolu 21, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' malta kif emendat bl-Att VI ta' 2010, esponiet bir-rispett:

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficcjal tal-Probation ta' Roderick Tabone detenur tal-identita' 517387 M u residenti f' fond mhux maghruf;

2. Illi Roderick Tabonenaqas milli jzomm ruhu f' kuntatt mal-Ufficcjal tal-probation skont id-direttivi moghtija lilu;

3. Illi huwa naqas li jaghmel dak kollu necessarju sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga billi naqas li jzomm mal-pjanijiet imfassla skont il-bzonnijiet tieghu u skont id-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probation.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-esponenti hassitha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Rona Custo** l–ufficcjal tal -probabtion nhar it-3 ta' Frar, 2020 u regghet tennet li issegwi lill-appelant fuq ordni ta' Probation moghtija minn din il-Qorti fit-20 ta' Novembru, 2017. Fil-bidu l-andament tad-denunzjant kien tajjeb ighix hajja stabbli u gandu partner li ilhom f'relazzjoni ghal ftit zmien issa. Ghandhom zewgt itfal pero' fil-bidu tas-sena 2019 l-andament tieghu beda jinbidel u beda imur ghal ghar. Anke mid-dehra tieghu deher li ma kienx sejjer tajjeb pero' kien jattribwixxi dan kollu ghal stress u affarijiet ohra.

F'April 2019 kient is-siehba tieghu stess li kienet cempletilha biex tghidilha li kien irrelapsja billi kien rega' beda juza d-droga u ma keinx ghadu qed jorqod id-dar. Kient talbitu imur ghandha u hadiltu kampjun tal-awrina li ta rizultat negattiv ghall-presenza ta droga. Pero' mill-agir tieghu deher li kien taht xi influwenza ta xi droga. Tghid li dak iz-zmein setghet ipprezentat denunzja pero' kien f'sitwazzjoni li kien ser jxitri post u kellu zewgt itrabi u ghalhekk iddecidew li ituh ftit iktar chance. Infatti f'Mejju beda' l-kuntatt mal-Caritas u hu flimkien mas-siehba tieghu bdew imorru flimkien ghall-appuntamenti u kien dahal ukoll Dar l-Impenn biex jibda process biex jindirizza din il-problema. Pero' kien ghamel, ftit jiem u hareg minnha

ghaliex kellu jmur l-isptar. Kienet ghamlet anke zjara d-dar tieghu u tkellmet mal-genituri tieghu pero' l-andament tieghu baqa' sejjer ghall-aghar u baqa' jghamel uzu ta-droga b'mod kontinwu.

F'Ottubru 2019 dahal Mount Carmel fejn hemmhekk tkellmu fuq pjan car li minn Mount Carmel imur Dar l'Impenn minn hemmhekk jimxi ghas-shelter biex imbaghad jibda' l-programm ta' riabilitazzjoni resienzjali. Infatti dahal Mount Carmel mexa ghad-DU. Fil-15 ta' Novembru dahal Dar l'Impenn pero' imbaghad fil-25 ta' Novembru telaq minn hemm. Beda igib hafna skuzi li ghandu attakki tal-asmtha pero' dan ma kienx minnu ghaliex mar jarah anke t-tabib u ccertfikah li ma ghandux ghalfejn jitlaq minn Dar l'Impenn u ma kellux aktar kuntatt mieghu.

Kelmet lill-ommu u din qaltlu li ratu biss ghal ftit ghaliex hu beda jghid li telaq minhabba li missieru kien marid u xtaq jarah u ma kellux mohh jaghmel programm, pero' lanqas biss mar id-dar jigifieri din ma kienitx skuza valida. Saret denunzja fid-29 ta' Novembru ghamlet kuntatt meighu bit-telefon u talbitu biex xorta imur l-ufficcju taghha pero' ma marx. Imaghad fl-10 ta' Dicembru giet infurmata li tressaq il-Qorti u inzamm arrestat fuq akkuzi li hebb ghas-siehba tieghu u anke ghamel xi uzu tad-droga quddiem it-tfal tieghu.

Tikkjarifika u tghid li  dahal f'Dar l-Impenn fil-15 ta' Novembru u telaq fil-25 ta' Novembru. Dan sehh ghaliex meta kien l-isptar Monte Carmeli kien beda programm biex inaqqas il-methadone bhala preparazzjoni ghall-programm u Dar l'Impenn huwa l-ahhar step ta' detoxification qabel ma jidhlu l-programm. Tghid li kellu data sabiex jibda' dan il-programm izda ghazel li jitlaq. Il-progamm li kien ser jghamel kien mal-Caritas. Telaq fuq il-premessi li kien qed ibati mill-astmha pero' dan ma kienx minnu. Qalet li d-denunajant baqa' jghamel uzu mid-droga tant li darba minnhom anke is-siehba tieghu cemplitlu u qaltilha li sawwatha u marret taghmel rapport l-ghassa.

L-Ufficcjal tal-**Probabtion  Rona Custo** regghet xehdet nhar id-29 ta' Ottubru, 2020 u kkonfermat li kient tkelmet ma omm id-denunzjat f'Novembru 2019 l'ghada li kien telaq minn Dar l-Impenn u ma Maruska is-siehba tieghu ricentement meta qaltlu li

kienet ghamlet rapport l-ghassa. Qaltlu li kienet fi stat a frustrazzjoni bis-sitwazzjoni li qed juza d-droga, kellha anke thallas il-loan wahdeha ghax kienu ghadhom kemm hadu post. Tghid li kienet qeda fuq it-telefon ma Maruska  u dak il-hin kien hemm hafna kommissjoni u bdiet tghid li ta daqqa. Tghid li d-denunzjant qallha li l-vizzju li kellu d-denunzjant kien inkontrollabli. Tghid pero' ghakemm ikun hemm zmien meta ikun clean meta ikun hemm relase ma jammettix. Tghid li ghandu diversi problemi ta' elf esteem, kif jiffaccja l-problemi u l-mod kif jahseb fuq certu affarijiet.

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probabtion Rona Custo prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Mejju 2020 u spjegat li fl-ahhar seduta tat-3 ta Frar 2020 kien hemm diversi zviluppi fil-konfront ta' Roderick Tabone. Fit-13 ta' Frar 2020 huwa inghata il-helisn mill-arrest fuq proceduri pendenti illi huwa ghandu fil-Qorti tal-Magistrati (Malta). L-imsemija naqas illi jikkuntattja lill-Ufficcjat tal-Probation izda din giet infurmata illi huwa mar jirrisjedi fir-residenza gewwa Bormla fi hdan il Fondazzjoni Mid-Dlam ghad Dawl u ghaldaqstat sar kuntatt mieghu hemmhekk.

Gharfet li d-denunzjant naqas li jattendi ghall-appuntament li kellu gewwa id-Dipartiment tal Probabtion u Parole nhar is-27 ta Frar 2020. Izda in segwitu attenda appuntamnet fl-10 ta' Marzu 2020 fejn stqarr li kien qieghed jghamel uzu ta' droga u li izda kien sab impjieg gewwa hanut tal-ikel. Huwa sostna illi kien qieghed isibha difficli illi jehles minn dan il-vizzju u ghaldaqstant sar pjan sabeix ikellem lit-tabib fi hdan it-Detox sabiex izid id-doza tal-methadone, barra minnhekk huwa kellu wkoll jerga jibda' kuntatt mal-key worker tieghu gewwa l-Caritas.

Minhabba l-mixija tal COVID 19 ma baqax possibli li ssir il-laqgha li kient giet sekedata. Sostna li kien tilef l-impieg tieghu inhabba li l-hanut fejn kien ser jahdem kien ghalaq.

Fl-20 ta' April 2020 l-Ufficcjal tal-Probabion giet infurmata illi d-denunzjant kien qieghed jghix gewwa Bormla u ghal daqstant sar kuntatt mieghu fuq in-numru li huwa ghandu jipprovda ta' persuna li kien ilu jghix maghha. Huwa spjega li kien minghajr saqaf fuq rasu u dan ir-ragel offrilu li jghix mieghu ghaliex thassru. Madankollu stqarr illi kien ghadu qieghed jaghmel uzu mid-droga u li qieghed

issibha difficli  sabeix jerga' iqum fuq saqajh. Roderick gie ggwidat jghamel kuntatt mal-Caritas sabiex jkun jista jerga' jibda' l-process ta' ghajnuna u preprazzjoni ghal programm residenzjali. Hawn inghata wkoll direzzjoni sabiex izomm kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probabtion b'mod regolari. Madankollu ghal darb ohra huwa naqas milli izomm dan il-kuntatt.

Fis-6 ta' Mejju ix-xhud ghamel kuntatt ma Roderick Tabone fejn dan spjega li jinsab iddisprat ghaleix kien spicca jittallab ghal flus fit-triq ghaliex ma kellu xejn. Stqarr li kien ghadu qed jaghmel uzu mid-droga u tilef kull dirzzjoni tal-hajja tighu. Minkejja dan minn kuntattli sar mal-Caritas irrizulta li huwa naqas milli  milli jghamel kuntatt sabiex jibda jircievi l-ghajnuna mehtiega. Fil-jiem sussegwentement  rega' naqas li jzomm il-kuntatt mal-ufficcjal ta' probation u fid-19 ta' Mejju minn kuntatt li sar mal-persuna li kienet qed tospita lil Roderick gewwa r-residenza taghha irrizulta li dan kecca lill-imsemmija mid-dar tieghu madwar gimgha qabel.

L-Ufficcjal tal-Probabtion Rona Custo regghet xehdet nhar id-9 ta' Lulju 2020 quddiem din il-Qorti diversament preseduta u qalet li mis-seduta  antecedenti 'l hawn ma tantx kellha kuntatt ma denunzjant. Taf  li suppost kellu kuntatt mal-key worker gewwa Caritas izda ma marx. Kellu ukoll appuntament mghaha ghal nhar il Tlieta ta' qabel izda ma marx.

Dwar id-denunzja tghid li ghamlet diversi rapporti fil-konfront tad-deunzjant  u tghid li ma jmurx ghalihom anke wara li fethu ghas-sessjonijiet mal-klijenti wara l-ftuh tal COVID hija kienet ipproponiet appuntmant ghal nhar it-9 ta' Gunju 2020.

Irrizultalha li fil-pezent id-denunjant qed jghix ma zewg anzjani Bormla u qed jaghmel uzu mid-droga. L-ewwel kien jghidilha li m'ghandhux ghafejn jghamel il programm ghaliex kien johrog clean pero' issa ghandu bzonn li jsegwi programm. Qalet li kienet ilha issegwih mis-sena 2013. Hija pprezentat id-denunzja ghaliex hasset li ma qed tasal imkien bil-kura li ghandu bzonn id-denunzjant.

Rat ukoll l-ahhar rapport redatt mill **-Probabition Officer Rona Agius Custo** u din stqarret li  id-denunzjant ma ghamel l-ebda kuntatt maghha sa minn l-ahhar seduta.

Tghid ukoll li naqas li izomm kuntatt mal-key orker tieghu fi hdan Caritas u apparti dan ma kellha l-ebda informazzjoni ulterjuri x tghati.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Luju, 2020 il-partijiet irrinettu ruhhom ghall-atti proceswali u talbu li tinghata sentenza.

Ikkunsidrat,

Rat is-sentenza moghitja minn din il-Qorti nhar it-30 ta' Novenbru 2017 qabel ma telghu jixhud il-Probabtion Officers u Noel Cassar ghan-nom ta' Caritas. Ghar-ragunujiet hemm imsemmija dik il-Qorti iddisponiet minn dan l-appell billi rriformat is-sentenza appellata billi kkonfermatha f'dik il-parti li biha l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha ddotti kontra tieghu, u astjeniet milli tikkonferma l-astenjsoni ta' l-ewwel Qorti biex ma tittrattax mal-appellant ghal ksur tas-sentenza, thassarha f'dik il-parti li biha kkundnnat lill-appellant ghal sittax-il xahar prigunerija u minflokk poggietu that Ordni ta' Probabtion ghal zmien tlett snin mill illum that is-sorveljanza ta ufficcjal tal Probabtion fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta. Il-Qorti kienet ghaddiet ukoll biex tispjega fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza u ordnat li kopja tintbaghat lid-Direttur tal -Probabtion Services.

Rat id-denunzja pezentata mill-ufficcjal tal-Probabtion nhar id-29 ta' Novembru 2019 fejn l-Qorti giet infurmata li l-probabtioner ma kienx qed izomm kuntatt maghha skond id-direttiva moghtija lilu.

Illi huwa naqas li jghamel dak kollu necessarju sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga billi naqas li jzomm mal-pjanijiet imfassla skond il-bzonnijiet tieghu u skond id-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probabtion.

Illi kien ghalhekk li din il-Qorti appuntat dan ir-rikors ghas smiegh u innutat li dak li stqarret l-ufficcjal tal-probabtion f' dan ir-rikors huwa kollu veritier fis-sens li l-probabtioner ma iridx joqghod ghd direttivi tal-uffccjal tal-probabtion u dan sabiex tghinu jindirizza il-problemi tieghu fosthom dawk ta' abbuz ta' droga. Jidher car li l-

probabtion m'ghandux ir-rieda jghin ruhu u ma jridx ibiddel hajtu tant li spicca tilef il-job li kellu u mar jghix ma zewg anzjani meta hu destitut. Dan ma jawgurax tajjeb ghall-fejqan tieghu. Jidher li l-probabtioner ma ghandux saqaf fuq rasu u jinqeda billi imur minn post ghal iehor. Illi ghalhekk jidher car li l-iskop ta' probabtion order ma serva ta xejn mal-probabtion odjern.

Fattur importanti u li huwa ta' preokupazzjoni ghall-din il-Qorti hu li l-probationer mhux qed jgharaf l-importanza u l-gravita' pendenti Ordni ta' Probation bhalli kieku din hija biss kelma mill-gergo legali li tissarraf f'xi twiddiba. Ordni ta' Probation huwa, kontra dak li sfortunatament jahsbu xi uhud maqbuda f'din ix-xibka, opportunita' unika moghtija lil persuna li sabet ruhha f'cirkostanzi li jaghtu lok ghall-passi kriminali u li piena karcerarja ma tkunx addattata; Illi la Roderick Tabone ma jridx jindirizza b'mod serju l-problemi tieghu minkejja l-ghajnuna kollha li iltaqa' maghha trid tkun din il-Qorti li turih l-id kifra li ma jistax jbqa' jghamel dak li jghamel iwegga lis-socjeta u ma jiehux l-piena idoneja ghal dan l-agir.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tabbracja ir-rikors ta' denunzja tal- ufficcjal tal-probabtion, tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f dik il-parti fejn sabet htija izda serja timponi piena idoneja fic-cirostanza stante li Tabone ma riedx isegwi l- ordnijiet tal-Ufficcjal tal-Probabtion moghtija lilu minn sentenza ta' din il-Qorti diversament peseduta. Ghalhekk wara li rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tal-4 ta' Settembru 2015 fejn kkundannatu fuq ammissjoni tieghu stess ghall-perijodu ta' sittax-il xahar, tiddeciedi li wara li rat l-artikoli tal-Ligi apposita u cioe' 261 (b) (g), 263, 264, 271 (g), 334, 351 (c) tal-kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tikkundannah ghall istess peina ta' sittax-il xahar prigunerija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur